# Iċ-Ċentru Ewropew Malti għall-Konsumatur



Iċ-Ċentru Ewropew Malti għall-Konsumatur jagħmel parti min-Network ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumatur (ECC-Net). Dan in-Network għandu uffiċċji fis-sebgħa u għoxrin Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE), inkluż in-Norveġja, l-Iżlanda u r-Renju Unit u huwa kofinanzjat mill-UE.

L-għan ewlieni ta' dawn iċ-Ċentri huwa li jwieġbu mistoqsijiet jew jgħin f'diffikultajiet li l-konsumaturi jista' jkollhom dwar xiri ta' prodotti jew servizzi mis-suq Ewropew kemm fiżikament meta wieħed ikun imsiefer kif ukoll f'każ ta' transazzjonijiet onlajn mill-kumdità ta' djarhom.

L-iskop prinċipali tan-Netwerk ta' l-ECC huwa li jgħin lill-konsumaturi jħossuhom iktar kunfidenti meta jkunu qegħdin jixtru minn pajjiżi oħra membri fl-UE daqslikieku qegħdin jixtru mill-pajjiż tar-residenza tagħhom stess.

Dan l-iskop jintlaħaq kemm permezz tal-informazzjoni dettaljata li nipprovdu dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet fejn jidħol xiri ta' prodotti jew servizzi kif ukoll permezz tal-assistenza bla ħlas li nipprovdu lill-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-bejjiegħ.

Bħala Ċentru niltaqgħu ma' diversi esperjenzi ta' konsumaturi differenti.

Nistgħu nieħdu bħala eżempju, konsumatur Malti li xtara oġġett onlajn minn kumpanija irreġistrata fi Franza u dan l-oġġett ma jasalx għand il-konsumatur jew inkella ma jasalx skont kif kien deskritt.

Każ tipiku ieħor huwa meta konsumatur Malti jkun xtara l-għamara tiegħu minn Sqallija u waqt li jkun qed jarma l-istess għamara isib xi affarijiet nieqsa jew difettużi.

Barraminnhekk, iċ-Ċentru tagħna jilqa' wkoll ilmenti dwar servizzi offruti lill-konsumaturi. Dawn is-servizzi jinkludu wkoll servizzi tat-trasport bl-arju kif ukoll bil-baħar. Fost il-problemi li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi, nsibu, dewmien ta' iktar minn tliet sigħat kif ukoll problemi relatati mal-ġarr tal-bagalji.

Problema komuni oħra dwar servizzi provduti hija meta konsumatur Malti jibbukkja lukanda ġewwa pajjiż membru, iżda meta jasal jinduna li l-lukanda ma kienitx kif irreklamata mill-bejjiegħ u ma toffrix is-servizzi li l-konsumatur ikun ħallas għalihom.

> Huwa importanti li qabel wieħed jiddeċiedi li jakkwista oġġett jew servizz onlajn, importanti li jfittex għal iktar informazzjoni dwar il-bejjiegħ speċjalment l-esperjenzi li konsumaturi oħra kellhom ma dak il-bejjiegħ partikolari

### Konsumaturi jistgħu jressqu lmenti

Huwa importanti li qabel wieħed jiddeċiedi li jakkwista oġġett jew servizz onlajn, importanti li jfittex għal iktar informazzjoni dwar il-bejjiegħ speċjalment l-esperjenzi li konsumaturi oħra kellhom ma dak il-bejjiegħ partikolari.

F'dawn iċ-ċirkustanzi kollha il-konsumaturi jistgħu jagħmlu kuntatt maċ-Ċentru tagħna biex iressqu l-ilmenti tagħhom dwar prodotti mixtrija jew servizzi li ma jkunux skont id-deskrizzjoni mogħtija mill-bejjiegħ ibbażat fi Stat Membru ieħor.

L-għan aħħari ta' dan iċ-Ċentru huwa li jgħin lill-konsumaturi biex jintlaħaq ftehim amikevoli mal-bejjiegħ f'każ ta' tilwima bejniethom. Barraminnhekk fejn dan il-ftehim ma jkunx possibbli, iċ-Ċentru Ewropew Malti jipprovdi informazzjoni lill-konsumatur dwar sistemi u mekkaniżmi alternattivi biex jintlaħaq ftehim mingħajr il-bżonn li wieħed jidħol il-Qorti.

Għalhekk, iċ-Ċentru jippromwovi u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' skemi alternattivi bħar-Riżoluzzjoni Alternattiva ta' Tilwim (ADR).

Dan l-Uffiċċju jieħu biss ilmenti mingħand konsumaturi kontra bejjiegħa u mhux kontra individwi oħra. Skont id-definizzjoni li hemm f'Kapitlu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, konsumatur hi persuna li qed tixtri l-prodotti jew servizzi għall-użu personali u mhux għan-negozju tagħha.

Pereżempju, persuna li tixtri għamara għad-dar mingħand bejjiegħ hi meqjusa bħala konsumatur, iżda jekk din il-persuna xtrat għamara għall-uffiċċju tan-negozju tagħha ma tibqax titqies bħala konsumatur f'għajnejn il-liġi, iżda tiġi meqjusa bħala negozjant speċjalment jekk id-dokument fiskali jkun jindika l-indirizz tan-negozju.

Bl-istess mod jekk it-transazzjoni tkun bejn żewġ individwi, ċ-Ċentru ma jkunx jista' jilqa' dan l-ilment. Eżempju jekk konsumatur jixtri mutur mingħand individwu fl-Italja, il-konsumatur ma jkunx jista' jiftaħ ilment mal-ECC Malta f'każ li l-mutur jiżviluppa xi difett, imma jkollu juża rimedji legali oħra.



**Dr Roderick Aquilina**
Kordinatur ECC Malta

F'każijiet bħal dawn, wieħed ikun jista' jiftaħ proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ESCP), din il-proċedura legali tista' tintuża wkoll f'każijiet fejn ma jkunx intlaħaq ftehim bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ u l-ammont tat-talba ma jkunx iktar minn €5000.

Sitwazzjoni oħra fejn l-ECC Malta ma tkunx tista' tieħu lment huwa meta l-kummerċjant jew konsumatur ikun ibbażat f'pajjiż barra mill-UE.

F'dawn il-każijiet u fejn il-perjodu jkun inqas minn tliet xhur minn meta jkun sar l-akkwist, il-konsumatur jingħata l-parir biex jagħmel kuntatt mal-bank minn fejn ikun ħareġ il-pagament biex jibda' proċedura magħrufa bħala *chargeback procedure*, jekk il-ħlas ikun sar permezz ta' karta ta' kreditu.

### Tipprovdi informazzjoni

Funzjoni importanti oħra tan-Netwerk hija li tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'informazzjoni dwar l-iktar problemi li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi meta dawn jixtru minn xi Stat Membru ieħor tal-UE.

Dan jgħin biex jiġu identifikati dawk is-setturi l-aktar problematiċi biex b'hekk ikun jista' jsir it-tibdil neċessarju ta' ċerti leġiżlazzjonijiet Ewropej. B'hekk il-konsumaturi Ewropej ikunu protetti bl-aħjar mod possibbli meta jagħmlu użu minn teknoloġija ġdida.

Barraminnhekk, permezz ta' din l-informazzjoni l-UE tkun tista' tqajjem għarfien dwar prattiċi inġusti f'ċertu setturi partikolari biex il-konsumaturi joqogħdu iktar attenti waqt ix-xiri tagħhom, speċjalment ix-xiri onlajn.

> Dan l-Uffiċċju jieħu biss ilmenti mingħand konsumaturi kontra bejjiegħa u mhux kontra individwi oħra